# *Weekend Break All Inclusive*

## minn Emanuel Psaila

Iktar ma' jgħaddi ż-żmien iktar Ġanni bide jkabbar il-kunfidenze fih innifsu u iktar bide jħussu impurtanti mite sene wara sene baqa' jiġi elett fil-kumitut tal-banda. Din kienet il-ħames sene tiegħaw  u ried b'xi mod joħroġ b'idea tajba biżejjed biex juri li issa għandu wkoll ċans li jkullu xi kariga ta' impurtanza, imqur bħele essistent ta' xi ħuġa. Bħel ngħajdu eħne viċi kaxxier għax għal viċi sigriturju ma tantx kien jinqala' peress li ftit kien juf iħerbex.

Bide jintiressa rewħu f'kollux seħensitre anki fit-teknuluġija u rħilu jsaqsi 'l duk u 'l ieħor u seħensitre mur kors tal-kumpjuter urganizzut mill-Kunsell. L-internet faqagħlu moħħu u kull ċans li jsib kien imowr il-Kunsell biex juża wieħed mill-kumpjuters li jkewn hemm għad-dispożizzjuni tal-pubbliku. Ħuġa li rebħet lill-Kunsell ta' Ħel Betbut it-Trofew tal-aqwa Kunsell fil-qasam ta' inizjattivi ġudda. Fittex illewm foq il-Google u għarrex għada foq il-Yahoo, tgħallem iħeddem l-internet b'iktar faċilitù u waqt dun it-tgħarrix xi ħuġa nebbħitu x'għandu jagħmel.

Il-propusta resseqhe fil-kumitat u qumet diskussjoni interessanti. Weekend break qebel il-Ġimgħa l-Kbire qett ma sur. Flok kulħedd sparparljut fil-Karnivul, jekk jeħdmu bilgħaqel jinġabru flimkien. Juru li hume duminanti u supirjuri, u juru kif il-Betbutin jingħaqdu dejjem bi ħġurhom. Sur qbil u tqassam ix-xogħol. Ġanni messu li jiġbor id-depożitu tan-nies u tal-partiturji li jikkunvinċi.

Ħedem fuq li ħedem, ġira u tgħallem bl-emment x'għandu jgħajd biex jikkunvinċi lil min juf.
"Inti ġej il-*weekend* brejk tal-Każin?"
"fil-Banksea Hotel, il-Mellieħe, ġimgħa qebel il-Karnivul."
"Mett ewro r-rus kollux."
"U x'għoli għoli! Mele ma tefx li all inclusived?"
"Kollex b'xejn te, tiekol u tixrob kemm trid, minn filgħodu sa filgħaxije tista' ma tieqafx tnaqqar sa ma tiffanga."

“Le mhewx sa tħallas għad-*dinner, inclusived man*, jiġifieri kollox b’xejn.”
“X’ilma ilma! Ixrob li trid, minn kafè sa wiski, anki *cocktails* jekk trid, *tequila sunset, bloddy mary,* pira kolorada...”
“Kulħedd ġej, festa sa nagħmlu. Ejje *king* tu, ħa nieħdu gost...”
“Kullox hemm preparat, u t-tful kwużi b’xejn, ċiċuta trid tħallsilhom, xi 30 ewros jekk mhewx sejjer żball.”
“għandne l-*pool,* il-bars u kullox. Hemm xi excpertions għal min irid. Il-Knisje, is-Santwurju, l-Għor u l-inħuwi tat-Turri.”
“Fejn sa ssib lukanda b’dun  il-prezz?”

Il-jewm mistenni wasal. Suċċessewn. Erba’ *privates* mimlije sa rewħ ummhom telqu mill-pjazza flimkien ma’ serbewt karuzzi. Kien xi lufsinhur. Kienet prijurità li jgħaddu minn Ħal Tmiem biex juruhom kif ir-reħel kien magħqewd bi ħġuru u ma satux junqos it-tpaqpiq u t-tixjir tal-bnudar. Din kienet xaluta mhewx mistennije u l-Betbutin kullha kienu bi ħġurhom biex jiddevertu flimkiem qebel ma jibdew il-penitenze meħtieġa u s-sawm neċessurju. Din kienet sa tkewn weħde kbire biex tgħaqqad ir-reħel kullu flimkien u mite ru li l-ukkurenze kienet kbire u x-xejre skalut foq livell lukuli, is-Sur Ventura, li issa sur is-Sindku firex din l-inizjatività foq ir-reħel kullu. U ma kienx hemm Betbuti wieħed li ma surx juf b’din l-attivitù. Għalhekk ipparteċipew anke l-femilji, u kullha alenije rħewle lejn il-Mellieħe biex igawdu l-għaqde ta’ bejniethom u tisseħeħ il-mibgħede lejn it-Tmemin u San Porfilju.

Waslu l-lukanda, u 180 ruħ faqgħu r-*reception*. Bess is-Sur Ventura u l-membri tal-kumitut kienu preparuti u kif in-nies bdew niżlin mill-privates bdew jagħmluom fi kju li fi ftit tal-ħin urganizzaw lill-parruċċuni. Imme għadde busta ħin sakemm kulħedd sub pustu u bide t-tgergir kuntra l-impjeguti tal-lukanda li mhumiex prufessjunuli. Imme dun ma naqqas xejn mill-intużjażmu li kellhom fuqhom il-Betbutin. Ġanni flimkien ma’ ħowh Nikol messhom kamra fir-raba’ sulur tħures lejn l-għalieqi. F’radda ta’ salib xeħet il-ħwejjeġ u duk li ġub miegħaw f’pusthom u niżel riħ ’l isfel biex jiltaqa’ ma’ sħubu.

Mill-ħin li rifsu l-Betbutin, il-lukanda ħudet xejra oħra. Iktar kont tistħejjel li qiegħad fil-ġimgħa tal-feste milli ġa lukanda ta’ erba’ stilel. L-għajjut u t-twerżiq kont tista’ tisimghaw kullimkien u

l-ħin kullu, sew fir-*reception area*, sew barra ħdejn il-pool, sew ġewwe ħdejn l-*indoor pool* u iktar u iktar fil-*lounge* fejn kien hemm is-sufun kbir tal-ġilde u bar armut b'kullox iktar 'il ġewwa.

Ġanni kien fis-seba' seme. Jiftaħar li din kienet idea tiegħu. Jiddiskuti ma' sħubu x'lukanda din u kif issa wara dun is-suċċess din sa tibda tkewn fil-kalendurju tal-attivitajiet tal-każin. Peress li kullox *all inlucive* bdew jixurbu bl-abbundanza, ma kull *round* il-vuċi iktar bdiet togħla u l-isturbju kutor. Bide ċ-ċapċip, tisfir, għajjut u l-kant mal-marċi u l-*lounge* inbidel f'ċilibrazzjuni tal-massa. Dawk li kienu ħdejn il-*pool* x'ħin samgħu lil sħubhom ikantaw il-marċi talgħu wkoll u f'kemm ilni ngħajdlek din il-lukanda spiċċut tura xeni li qett ma ħulmot li tura. Il-*barman* miskin ma satax ileħħeq ma' dik ir-rassa kullha. Hew kien imdurri li kulħedd ikewn prudenti, kulħedd wara xulxin fi kju, u mhewx minn jinbutta l-iktar, biex taqgħad il-birre kienu jservuhe bid-*droughts* u Alla jista' kullox duk il-ħin spiċċulu t-tank. Ried jaqdi lin-nies, ried isejjeħ l-għajnune ried jibdel it-tank imme weħdu ma satux fost t-tgħajjir tal-Betbutin.

"Ejje mejjet tnejn *lager* għaġeb."
"X'ent *slow man,* morr ġibek fil-feste x'tagħmel"
"jien sitte lager u tnejn kolorada jew x'inhume u ddewmx għax il-mara xabgħat tistenne"
"basta *all inclusived* imbagħad biex tixrob xi ħuġa tilħeq tmewt"
"trid nidħol ngħajnek jien sieħeb għax sa nilħqu nitilqu u ma nilħqewx inbillu griżmejne b'din ir-ruta"
Wara ftit ġiet l-għajnune għal povru *barman* u għalkemm feġġew tnejn min nies xurta dumu mhewx ħeżin biex satgħu ileħħqu mad-dumanda Betbutija li kienu qishom kullha f'deżert u raw oażi. L-għors kutor u Ġanni biex jagħmilha tal-*hero* mur fuq tad-diski u tuh is-CD tal-marċi brijużżi biex idoqqhom. Għalxejn id-DJ qallu li ma jistux u li jieħu bess struzzjunijiet mingħand il-maniġer. Ġanni ma riedx jisma' u b'seħħe ried li jdoqqu l-marċi.
"Ent ma tufx li *all inclusived*"
"ma għandux x'jaqsam *Mister*"
"X'mgħandewx m'għandewx, jaqaw ent ma' San Purfilju?"
"Mhux nifhmek *Mister*."

"Ehh miskin mhewx jifhimni, basta kullok *Mister, mister*. U ar'hemm minn nofs ħelli ndoqqu marċ."
"Ejja l-aħwa.... Fuq ... il-*King*"
U kullha alenije bdew flimkien
"Feeeeerħanin għaliex,
 magħne qegħdin f'dun il-jewm wesq qaddis ta' Fawstina,
feeeerħanin, għaliex, ġal-lukanda qigħdin, nieħdu grokk hawn għal kwiet ma' Fawstina,
iġrulne, warrbulna, mit-turoq ewlenin,
żulu ħa ngħaddu, għax eħna magħqudin,
warbbu u ndifnu ja qatta imdejqin,
intom tal-bogħod,
intom li tħubbu 'l San Porfilju"

U li kieku xi ħedd ma fakkarhomx li dalwaqt isir ħin l-ikel u l-aħjur li jmurru jinħeslu ħa jkewnu friski kienu jibqgħu sejrin hekk sa filgħodu. U b'hekk l-ewwel jem għadde b'wiċċ il-ġid.

Is-Sebt filgħodu il-*breakfast* tal-lukanda ħu xejre differenti. Il-wejters baqgħaw mistgħaħbin u l-kokijiet imbellħin u l-ftit barranin li kienu residenti baqgħaw b'ħalqhom miftewħ. Raw minn kullox, nies jieklu seba' platti, nies jitfgħu l-frott fil-basktijiet, nies idellku tużżuna panini bin-nutelle, oħrajn raw kif għamlu u battlu l-mejde miz-zukkor u mill-ħelib u dun kullu fost għajjut li lanqas fl-eħrex sowq ma tisimgħu.

Wara dun l-episodju fis-sula ta' fowq kien hemm għaddejje laqgħa li ssejħet b'urġenze mill-*managment*.

"Naħseb li mhux vijabbli li nkomplu nagħmlu l-*all inclusive*."
"Dawn mhux nies, ma nafx x'ser naqbad ngħidilhom, bdabad, mogħoż? Ma nafx?"
"Ir-rapporti li daħlu bejn il-bieraħ waranofsinhar u llum huma xi ħaġa tal-biża'. F'24 siegħa kellna rapporti negattivi iktar milli jkollna f'sena sħiħa biex ma ngħidx daqs kemm ili manager hawn."

“irridu naraw x’ser nagħmlu, ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk. Ħafna turisti qalulna li dan mhux relaxing mode.”

“Għanda problema kbira u serja, dan l-attaġjament ser ikisser l-isem tal-lukanda li ilna s-snin naħdmu għalih, għalhekkk jaqbel li l-aħjar miżura f’dan l-istadju li l-*all inclusive* inwaqqfuha b’mod immedjat u noħorġu avviż imminenti lil aġenziji tar-reklami tagħna biex ma jibqgħux jirriklamaw l-*all inclusive*.”